



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0182/2012

5.6.2012

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba
(COM(2012)0126 – C7-0078/2012 – 2012/2051(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: José Manuel Fernandes

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNES DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	4
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNES ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.....	9
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-
punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew,
il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni
finanzjarja tajba
(COM(2012)0126 – C7-0078/2012 – 2012/2051(BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0126 – C7-0078/2012),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹, u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea²,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà fis-17 ta' Lulju 2008,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0182/2012),
1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

ANNES DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-xxx

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹, u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea²,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il "Fond") biex tesprimi s-solidarjetà tagħha fir-rigward tal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn katastrofi.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-Fond.
- (4) L-Italja ppreżentat talba bil-għan li timmobilizza l-Fond li jikkonċerna diżastru kkawżat mill-għargħar fil-Ligurja u t-Toskana.

JIDDEĊIEDU:

Artikolu 1

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2012, għandha tiġi mobilizzata somma ta' EUR 18 061 682 fi krediti ta' impenn u ta' ħlas taħt l-intestatura tal-

¹ ĠU L 139, 14.06.2006, p. 1.

² ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Fond Ewropew ta' Solidarjetà jiġi mmobilizzat favur l-Italja fuq il-bażi tal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006. Il-Ftehim Interistituzzjonali jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR biljun. Din hija l-ewwel proposta biex jiġi mmobilizzat il-Fond fl-2012.

B'mod parallel ma' din il-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà favur l-Italja, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' baġit emendatorju (ABE Nru 2/2012 tas-16 ta' Marzu 2012) sabiex fil-baġit tal-2012 jiddaħħlu l-appropriazzjonijiet korrispondenti għall-impenji u għall-ħlasijiet kif previst fil-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Ir-Rapporteur jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni pproponiet il-mobilizzazzjoni tal-EUSF bħala l-unika kwistjoni fl-ABE 02/2012, bi qbil mad-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2008.

L-Italja applikat għall-assistenza mill-Fond wara għargħar li affettwa r-regġuni tal-Ligurja u tat-Toskana f'Ottubru 2011, u li kkawża ħsarat kbar lid-djar residenzjali, lin-negozji u l-agrikoltura u ħarbat il-mezzi ewlenin tat-trasport kif ukoll in-netwerks pubbliċi essenzjali infrastrutturali.

Il-ħsara diretta totali kkawżata mill-għargħar, kif ikkalkulata mill-awtoritajiet Taljani, tammonta għal EUR 722.5 miljun. Id-diżastru ġie kkwalifikat bħala ta' oriġini naturali u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

Wara li ġie vverifikat li din l-applikazzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' eliġibilità tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002, il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont totali ta' **EUR 18 061 682** f'appropriazzjonijiet għall-impenji u f'appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet.

Dan l-ammont se jħalli għall-inqas 25 % tal-Fond disponibbli biex tkun allokata matul l-aħħar tliet xhur tas-sena, kif mitlub mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament KE 2012/2002.

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tirrijalloka s-somma ta' EUR 18 061 682 f'appropriazzjonijiet ta' ħlasijiet mill-**linja tal-baġit 13 06 01** taħt l-Intestatura 3b tal-Qafas Finanzjarju stabbilit għar-rijallokazzjoni tal-**Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri**.

Ċifri – Fond ta' Solidarjetà

(EUR)

	Ħsara diretta aċċettata	Limitu	Ammont ibbażat fuq 2.5%	Ammont ibbażat fuq 6%	Ammont totali ta' għajna proposta
Għargħar fil- Ligurja u t- Toskana 2011	722.467 miljun	3,536 miljun	18 061 682	-	18 061 682

Total					18 061 682
--------------	--	--	--	--	-------------------

Skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, meta tkun qed tippreżenta din il-proposta biex tuża l-Fond, il-Kummissjoni tagħti bidu għall-proċedura tat-trilogu ssimplifikata bil-għan li tiżgura l-qbil taż-żewġ friegħi tal-Awtorità Baġitarja dwar il-ħtieġa li l-Fond jintuża u dwar l-ammont meħtieġ.

Skont ftehim intern mal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI), dan il-kumitat għandu jiġi assoċjat fil-proċess, sabiex jingħata appoġġ u kontribut kostruttiv għall-implimentazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE.

Wara l-evalwazzjoni tat-talbiet, il-kumitat REGI tal-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond, kif hemm imfisser fl-opinjoni mehmuża mar-rapport preżenti.

Ir-Rapporteur jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni annessa ma' dan ir-rapport.

TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

Qafas finanzjarju Intestatura/Subintestatura	Qafas finanzjarju 2012		Baġit 2012 (inkl. ABE 1/2012)		ABE 2/2012		Baġit 2012 (inkl. ABE 1-2/2012)	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA	CA	PA
1. TKABBIR SOSTENIBBLI								
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	14 853 000 000		15 403 000 000	11 500 977 788			15 403 000 000	11 500 977 788
<i>Marġini</i>			-50 000 000				-50 000 000	
1b. Koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjiegi	52 761 000 000		52 752 576 141	43 835 746 321			52 752 576 141	43 835 746 321
<i>Marġini</i>			8 423 859				8 423 859	
Total	67 614 000 000		68 155 576 141	55 336 724 109			68 155 576 141	55 336 724 109
<i>Marġini</i> ⁵			-41 576 141				-41 576 141	
2. KONSERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI								
Li minnhom inġuq relatat mas-suq u ħlasijiet diretti	48 093 000 000		43 969 637 305	43 875 978 049			43 969 637 305	43 875 978 049
Total	60 810 000 000		59 975 774 185	57 034 220 262			59 975 774 185	57 034 220 262
<i>Marġini</i>			834 225 815				834 225 815	
3. ĊITTADINANZA, LIBERTA', SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA								
3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	1 406 000 000		1 367 806 560	835 577 878			1 367 806 560	835 577 878
<i>Marġini</i>			38 193 440				38 193 440	
3b. Ċittadinanza	699 000 000		697 436 780	648 700 180	18 061 682	18 061 682	715 498 462	666 761 862
<i>Marġini</i>			1 563 220				1 563 220	
Total	2 105 000 000		2 065 243 340	1 484 278 058	18 061 682	18 061 682	2 083 305 022	1 502 339 740
<i>Marġini</i> ⁶			39 756 660				39 756 660	
4. L-UE BĦALA ATTUR GLOBALI								
<i>Marġini</i> ⁷	8 997 000 000		9 405 937 000	6 955 083 523			9 405 937 000	6 955 083 523
			-150 000 000				-150 000 000	
5. AMMINISTRAZZJONI	8523 000 000		8 279 641 996	8 277 736 996			8 279 641 996	8 277 736 996
<i>Marġini</i> ⁸			327 358 004				327 358 004	

⁵ Il-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) mhuwiex inkluż fil-kalkolu tal-marġini taħt l-Intestatura 1a (EUR 500 miljun). EUR 50 miljun 'il fuq mil-limitu massimu huma ffinanzjati bil-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

⁶ L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea mdaħħal apparti l-intestaturi rilevanti kif previst fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

⁷ Il-marġni tal-2012 għall-intestatura 4 ma jikkunsidrax l-approprijazzjonijiet relatati mar-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza (EUR 258,9 miljun). EUR 150 miljun 'il fuq mil-limitu massimu huma ffinanzjati bil-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

⁸ Għall-kalkolu tal-marġni taħt il-limitu massimu tal-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) f'qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal somma ta' EUR 84 miljun għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet.

TOTAL	148 049 000 000	141 360 000 000	147 882 172 662	129 088 042 948	18 061 682	18 061 682	147 900 234 344	129 106 104 630
<i>Marġini</i>			<i>1 209 764 338</i>	<i>12 445 957 052</i>			<i>1 209 764 338</i>	<i>12 445 957 052</i>

ANNEX ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali
Il-President

Sur Alain Lamassoure
President
Kumitat għall-Baġits
Bini Altiero Spinelli-13E205
Brussell

11.05.2012

Suġġett: Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE favur l-Italja

Għażiż Sur Lamassoure,

Il-Kummissjoni Ewropea, fil-proposta tagħha għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (COM(2012)0126), infurmat lill-Parlament Ewropew li fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet imressqa mill-Italja biex ikun mobilizzat il-Fond fir-rigward ta' għargħar fil-Ligurja u fit-Toskana f'Ottubru 2011, ipproponiet il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, filwaqt li kkalkulat il-ħsara kkawżata kif ġej:

	Ħsara diretta aċċettata	Limitu	Ammont ibbażat fuq 2.5%	Ammont ibbażat fuq 6%	(EUR) Ammont totali ta' għajnuna proposta
Għargħar fil- Ligurja u t- Toskana 2011	722.467 miljun	3,536 miljun	18 061 682	-	18 061 682
Total					18 061 682

Fid-dawl tal-eżami tal-applikazzjonijiet, u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-iskop għar-rijallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura li tirrikjedi nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 18 061 682, li għandu jkun allokat taħt l-intestatura 3b tal-qafas finanzjarju.

Sabiex ikun evitat dewmien bla bżonn fl-approvazzjoni ta' din il-miżura, nixtiequ ninformawk li l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali m'għandux oġġezzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond

ta' Solidarjetà tal-UE biex jiġu allokati l-ammonti msemmija hawn fuq għall-Intestatura tal-Qafas Finanzjarju kkonċernat kif propost mill-Kummissjoni, u bi qbil mar-regoli mniżżla fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) NRU 2012/2002, tal-11 ta' Novembru 2002, li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Dejjem tiegħek,

Danuta Hübner

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	31.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Alexander Alvaro, Charles Goerens, Edit Herczog, Jürgen Klute, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Peter Šťastný, Gianluca Susta